Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 39

It- Tnejn,13 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.16pm

**39.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

38.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**39.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal- Minuti**

39.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tas- Tmienja u Tletin Laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

39.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**39.3 Komunikazzjoni mis- Sindku**

39.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li kellem il-kuntrattur li jaħsel it-toroq ġewwa l- Mdina biex bħala powerwash juza pressa aktar baxxa għar-raġuni li qed issir ħsara lil bieben tar- residenti.

39.3.2 Is- Sindku talab li it-telephone box li tinsab fi Pjazza San Pawl isir manutenzjoni fuqha għax qed tiddeterjorja. Il-Kunsill approva

39.3.3 Is- Sindku talab li niktbu lil Cleansing Directorate biex għallinqas bħala post turistiku darb fil-ġimgħa jinħaslu it-toroq ta' l-Mdina mil- istess Direttorat.

39.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li x-xogħol minn Infrastructure Malta fuq it-tisbieħ tat-Tarag tas-Saqqajja għandu jitlesta sa l-aħħar ta' Lulju. Huwa xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera Maryann Sultana ta' l-għajnuna tagħha niex dawn ix-xogħolijiet jitlestew mill-aktar fis possibbli.

**39.4 Rapport Finanzjarju minn Jannar sa Marzu 2022**

39.4.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li r-rapport għadu ma tlestiwx u ser jiġi pprezentat fil-laqgħa li jmiss.

**39.5 Sinjali ta' Parkeġġ ġewwa l-Mdina**

39.5.1 Fuq talba tas- Sindku u approvata mill-Kunsill, is- SE ser iqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jipprepara u jitfa' applikazzjoni ma Transport Malta fejn ser jiġu introdotti sinjal ta' parkeġġ gewwa l-Mdina biex is-sewwieq ikun jista' jagħraf jipparkja mingħajr ħafna telf ta' spazji diġa lilitati fil-lokalita'

**39.6 Torre dello Standardo- Proposta tar- Reġjun Punent**

39.6.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li r- Reġjun tal-Punent bħalissa ma għandux uffiċini minn fejn jopera u jidher li bħala Reġjun tefaw għajnejhom fuq it- Torre Dello Standardo fejn parti zgħira minn din il-binja tiġi mikrija lilhom mill-Kunsill bħala sub-leasing biex tkun is-sede tagħhom. Huwa fakkar li din il-propjeta' hija devoluta lill- Kunsill ta' L-Mdina.

39.6.1.1 Is- Sindku qal li waqt l-aħħar laqgħa tar- Reġjun talab li tintbghat il-proposta tagħhom għal kunsiderazzjoni u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

39.6.2 Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qed jistenna l-proposta u minn hemmhekk tittieħed deċizjoni u ssir talba lill-Lands Authority.

**39.7 Intervisti għal Uffiċċjal Ezekuttiv**

39.7.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li fir -rigward ta' l-applikazjoni interna li saret għal ħatra ta' Uffiċċjal Ezekuttiv intefghet l-applikazzjoni mis- Sinjura C. Camilleri u għaldaqstant għandu jiġi ffurmat Bord ta' l-Intervisti f'dan ir-rigward.

39.7.2 Il-bord ġie kostitwit mis- Sindku, Viċi Sindku, SE u l-Kunsilliera Camille Scerri.

**39.8 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

39.8.1 DLG- Cirkulari Nru. SPI/SCI/5/2022:- Finanzjament għal-Xogħolijiet ta' Manutanzjoni fuq Funtani fil-Lokalitajiet .

39.8.1.1 Is- SE infurma lill- Kunsill li ħarget skema għal xogħolijiet u manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet għal knsiderazzjoni tal- Kunsill.

39.8.1.2 Fuq proposta tas- Sindku li ġiet ssekondata mill-Kunsilliera M. Sultana, il -Kunsill approva li ssir applikazzjoni fejn jiġu msemmija l-Għajn li tinsab taħt Casino Notabile fit- Telgħa tas- Saqqajja u l-Funtana li tinsab fi Wesgħa Sant' Agata (Pjazza tas- Sur)

39.8.3 Saret talba mill-Group Legio X Fretensis Malta biex jipparteċipa f'attivita' bit- tema Rumani ta' l-ewwel seklu wara Kristu u din l-attivita titella' minnhom stess wara s-sajf. Il-Kunsill approva.

**39.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

39.9.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 13 ta' Ġunju 2022 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 22,896.16

39.9.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

.

**39.10 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

39.10.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 4.47pm u ġiet aġġornata għas- 26 ta' Lulju 2022 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___ 26 ta' Lulju 2022__